# INNU LILL-MADONNA TA' LOURDES






## MAESTRO CARMELO SCICLUNA (1903-1981)

Maestro Carmelo Scicluna li kien surmast direttur tal-banda ''Lourdes'' bejn is-snin 1947 u l-1964 twieled Ħal-Qormi nhar il-25 ta' Lulju 1903, iben Carmelo u Marianna Camilleri.

Ta' 10 snin beda l-istudji mużikali taħt il-gwida ta' missieru stess, mużiċist akkanit u ftit xhur wara beda jdoqq l-istrument 'Quartino in mi bemol' mal-Banda ''Pinto'' ta' Ħal-Qormi.

Fl-1916 kompla bl-istudji tiegħu taħt is-Surmast Giuseppe Abdilla fejn tħarreġ fl-armonija u l-kontrapunt. Kien f'dan il-perijodu li kiteb l-ewwel kompożizzjoni, l-Marcia Funebre ''Venerdi Santo''. Fl-1920 qabad il-linja tat-tagħlim u ġew avdati f'idejh l-allievi tal-Każin tal-Banda ''Pinto'' u ftit wara dawk tal-Każin tal-Banda ''De Rohan'' ta' Ħaż-Żebbuġ. Sentejn wara beda fil-kariga ta' surmast direttur u dderieġa għall-ewwel darba l-istess Banda ''Pinto''.

Fl-1923 sar ukoll surmast direttur tal-Banda Pio X ta' Ħal-Lija. Fis-sena ta' wara kompla l-istudji tal-istrumentazzjoni taħt is-Surmast Miruzzi u ftit wara ġab l-istrumentazzjoni tas-Surmast Alessandro Vessella.

Fl-1932 Maestro Miruzzi tal-Banda 'Beland' taż-Żejtun irtira u floku inħatar is-Surmast Scicluna u hawn dam sal-1946. Matul dan iż-żmien mill-pinna tiegħu ħarġu diversi xogħlijiet.

Kien fl-1947 meta s-Soċjetà Mużikali ''Lourdes'' tal-Qrendi talbet lis-Surmast Carmelo Scicluna biex jieħu f'idejh il-banda fejn dam għal madwar 17-il sena bħala direttur surmast. Wara huwa xtaq jirtira iżda fost l-aħħar dehriet tiegħu fil-pubbliku insibuh jidderieġi l-Banda Nazzjonali ta' Malta fit-Teatru Manoel fl-okkażjoni tal-Kunċert Vokali u Strumentali tas-Sena li sar fis-26 ta' Diċembru 1964.

Fost il-kompożizzjonijiet tiegħu nsibu ''Capricci'' għal strumenti diversi, Responsorji għall-Ġimgħa Mqaddsa, marċi funebri u brijjużi u l-Innu tal-Madonna ta' Lourdes għall-Banda, vuċijiet solisti u kor fuq versi ta' Dun Frans Camilleri li nstama' għall-ewwel darba 40 sena ilu.

Is-Surmast Carmelo Scicluna miet nhar it-8 ta' Jannar 1981, fl-età ta' 77 sena.